**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 17/2017 BS**

**ĊD fl-interess ta' bintha**
**minuri AB**

**-vs-**

**EF**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi ĊD, fl-interess ta' bintha minuri AB, illi ppremettiet:**

ILLI bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni barra miz-żwieġ, u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla AB fl-erbgħa (4) ta' Settembru elfejn u għaxra (2010), u llum għandha sitt (6) snin;

ILLI l-esponenti ppreżentat Ittra sabiex tiġi awtorizzata tipproċedi bil-kawża odjerna biex jiġi ffissat il-manteniment li l-intimat għandu jħallas għal din

bintu, u sabiex iħallas ukoll sehem mill-espejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri;

ILLI b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ġunju 2017, l-intimat ġie ordnat iħallas *pendente lite* lir-rikorrenti r-retta alimentari ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar, u l-esponenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi bil-kawża opportuna.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli li jħallas l-manteniment lil bintu minuri AB, kif ukoll joħroġ sehem mill-ispejjeż konnessi mal-edukazzjoni u saħħa tat-tifla;

2. Tiffissa r-retta alimentari li l-intimat għandu jħallas għal din it-tifla kull xahar, jew perjodikament kif jidhrilha din il-Qorti, liema ħlas għandu jirrifletti l-bżonnijiet ta' kura, għajxien deċenti, u trobbija xierqa tal-minuri, b'riżerva ta' awment jew reviżjoni ta' dan il-ħlas minn żmien għal żmien skont il-ħtiġijiet, esiġenzi, u ħiliet tal-minuri;

3. Tiffissa dak is-sehem li l-intimati għandu jħallas mill-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri, liema sehem minn dawn l-ispejjeż għandu jkun inkluż jew imħallas apparti mill-alimenti li din il-Qorti hi mitluba li tiffissa permezz tat-tieni talba, skont kif jidhrilha din il-Qorti;

4. Tikkundanna lill-intimat iħallas r-retta alimentari hekk iffissata għal bintu AB flimkien ma' dak is-sehem mill-ispejjeż meħtieġa għall-edukazzjoni u saħħa tal-istess minuri.

Bl-ispejjeż inklużi tal-Ittra numru 2/2016, kontra l-intimat.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut EF illi eċċepixxa:**

ILLI l-esponenti qatt ma rrifjuta li jħallas manteniment xieraq u ġust għal bintu minuri, kif dejjem għamel u kif qiegħed jagħmel preżentement.

ILLI filwaqt li l-obbligu tal-manteniment huwa fuq iż-żewġ ġenituri, kull parti għandha tikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu jew tagħha. Infatti l-mezzi tal-istess attriċi ĊD huma ferm u ferm akbar minn dawk tal-konvenut;

ILLI l-ammont ta' manteniment li qed jitħallas preżentement u ċjoè fl-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) huwa wieħed ġust u li jinkorpora sehmu mill-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2020 il-partijiet irreġistraw qbil illi dwar il-kwistjoni tal-manteniment dan għandu jibda jitħallas fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar permezz ta' *standing order* mill-kont bankarju tal-konvenut direttament għall-kont bankarju tal-attriċi;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021 l-Avukat Dr Deborah Camilleri għall-konvenut iddikjarat illi l-konvenut ilu diversi xhur ma jagħmel kuntatt magħha u li kull tentattiv min-naħa tagħha sabiex tistabbilixxi kuntatt miegħu falla. In vista ta' dan, l-Avukat Dr Deborah Camilleri ddikjarat illi kienet qegħda tirrinunzja għall-patroċinju tal-konvenut;

Rat illi fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2021 il-Qorti osservat illi l-konvenut, debitament notifikat bil-verbal tagħha tat-8 ta' Lulju 2021, naqas illi jidher għas-seduti tal-14 ta' Ottubru 2021 kif ukoll għal dik tas-27 t'Ottubru 2021 u għaddiet għalhekk sabiex tiddikjara li kienet qiegħda tqis illi l-konvenut ma kellux provi xi jressaq;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum bil-fakoltà konċessa lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet finali;

Rat l-atti kollha tal-kawża u x-xhieda miġbura;

Rat illi nonostante l-fakoltà lilhom konċessa l-partijiet baqgħu ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat:**

Din hija kawża dwar ħlas ta' manteniment u spejjeż relattivi għall-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri AB li twieldet fl-X.

Il-partijiet f'din il-kawża u ġenituri tal-minuri AB kienu f'relazzjoni intima bejniethom u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri msemmija. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet u l-minuri baqgħet tgħix flimkien mal-attriċi. Mix-xhieda tal-attriċi jidher illi ma tantx hemm kuntatt bejn il-minuri u l-konvenut li mill-provi li ġew ippreżentanti jirriżulta illi jaħdem u jgħix ġewwa Malta.

Il-konvenut huwa suldat impjegat mal-Forzi Armati ta' Malta. Mill-*employment history* tiegħu jirriżulta illi waqt illi l-impjieg tiegħu fuq bażi *full-time* huwa dak ta' suldat, huwa jidher reġistrat ukoll bħala sajjied fuq bażi *part-time*.

Ġew ippreżentati għadd ta' *payslips*, FS3 u rendikonti oħra li juri dettaljatament l-introjtu annwu tal-konvenut mix-xogħol tiegħu bħala suldat. Jirriżulta hekk:

| **Sena tal-Paga** | **Ammont Gross** |
|---|---|
| 2010 | €16,751.95 |
| 2011 | €15,936.62 |
| 2012 | €16,898.20 |
| 2013 | €16,903.30 |
| 2014 | €17,580.13 |
| 2015 | €18,519.45 |
| 2016 | €19,552.58 |
| 2017 | €21,298.14 |
| 2018 | €22,367.61 |
| 2019 | €8,876.38 – sa Mejju 2019 |

Fl-affidavit tagħha datat 4 ta' Ġunju 2019 l-attriċi tgħid illi l-qliegħ tagħha huwa ferm aktar baxx minn dak tal-konvenut. Tindika li dik il-ħabta kienet f'impjieg ma' *supermarket* u l-paga mensili tagħha kienet tvarja bejn tmien mitt ewro (€800) u tmien mija u ħamisn ewro (€850). Tgħid ukoll illi dak iż-żmien kienet qiegħda tfittex impjieg b'kundizzjonijiet aħjar.

Mill-*employment history* tal-attriċi jirriżulta illi fit-12 ta' Marzu 2019 hija bdiet taħdem fuq bażi ta' *self-employed part-time* bħala operatur ta' *shooting range*. Jirriżulta wkoll illi fil-25 ta' Marzu 2019 hija ġiet impjegata fuq bażi *full-time* fis-settur tal-bejgħ. Il-Qorti rat illi ma tressqet ebda prova dwar l-introjtu illi għandha l-attriċi.

Fix-xhieda inkontestata tagħha, l-attriċi tgħid illi tinkorri diversi spejjeż fit-trobbija ta' bintha minuri anki għaliex din tinsab tgħix magħha. Skont dak illi xehdet l-attriċi, il-kuntatt bejn il-konvenut u bintu huwa limitat ħafna tant illi l-minuri tkun ma' missierha għal *weekend* wieħed biss darba fix-xahar u xi minn daqqiet flok tkun miegħu għal *weekend* sħiħ tkun miegħu għal lejl wieħed biss. Jidher għalhekk illi l-konvenut ma jinkorrix spejjeż goffi fil-qasir ħin illi l-minuri tkun miegħu.

Fuq ordni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, mogħtija b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2017, il-konvenut ġie ordnat sabiex proviżorjament u *pendente lite*, iħallas retta alimentarja fis-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar pagabbli b'effett mill-1 ta' Ġunju 2017.

L-attriċi tqis illi l-ammont li qiegħda tippercepixxi bħala retta alimentarja għall-minuri huwa ammont żgħir wisq meta wieħed iqis illi l-ħtiġijiet bażiċi tal-minuri qegħdin kull ma jmur jikbru. Mill-banda l-oħra il-konvenut jemmen illi l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) huwa suffiċjenti sabiex ikopri ħlas ta' manteniment u s-sehem tiegħu mill-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa tal-minuri.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-manteniment tal-ulied l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."*

Din id-dispożizzjoni tagħmilha ċara illi l-obbligu tal-manteniment tal-ulied jinkombi fuq iż-żewġ ġenituri. Dan l-obbligu jvarja u jiddependi fuq il-mezzi li kull wieħed mill-ġenituri għandu. F'dan ir-rigward l-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

(2) *Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

(3) *Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

(4) *Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-pers una ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

(5) *Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess benefiċjarju taħt trust.*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019 fejn ingħad illi:

20. *Fir-rigward ukoll din il-Qorti ma tqies li l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti huwa zbaljat, anzi tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, għal-manteniment taghhom li skond il-ligi jinkludi fih l-ispejjez tal-ikel, is-saħħa u l-abitazzjoni[1], kif ukoll l-edukazzjoni. Min-naha tiegħu l-konvenut, irrispettivament kemm jghid li jbigh gbejniet, m'għandux dan il-piz kwotidjan li l-kura effettiva tal-minuri tirrikjedi. Barra minnhekk l-ammont mensili stabbilit mill-ewwel Qorti ta' €500 li jkopri l-ispejjez kollha ta' saħħa w edukazzjoni tat-tfal huwa wiehed ragjonevoli w adegwat, jekk mhux addirittura tenwu tenut kont li biz-zmien il-bzonnijiet tal-hajja qed dejjem jizdiedu.*

21. *Għalhekk anke fuq dan l-aspett l-ewwel Qorti kienet ghaqlija meta stabbiliet manteniment adegwat li jkopri il-bzonnijiet kollha tat-tfal biex b'hekk fejn jidhlu l-interessi tat-tfal u l-oneru tat-trobbija taghhom ma jkunx hemm litigji dwar kontijiet li ma jithallsux. Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma*

[1] Art. 19(1) Kodiċi Ċivili

*jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessità għall-edukazzjoni u għall-izvilupp taghhom.*

Fis-sentenza tagħha tas-16 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **AB vs CDE** il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) osservat illi:

*Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat.*

Il-Qorti qiegħda tqis ukoll illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deċiża fit-28 ta' Mejju 2015 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja):

*Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul.*

Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell fil-25 ta' Novembru 2016.

Mill-provi mressqa jirriżulta inkontestat illi l-attriċi tinsab trabbi lill-minuri waħedha u għalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu kemm hu fuq spallejn l-attriċi. Il-Qorti għalhekk, anki fid-dawl tal-ġuridpudenza ċitata, tirrikonoxxi l-fatt illi r-rikorrenti kienet kostretta trabbi lil bint il-partijiet waħedha u dan illimita l-kapaċità tagħha illi tiġġenera intorjtu akbar minn dak li għandha sal-lum. Madanakollu, l-Qorti tqis ukoll illi l-attriċi qiegħda tikkontribwixxi konsiderevolment ukoll b'mod mhux finanzjarju għall-manteniment tal-minuri. Dan huwa fattur li għal din il-Qorti jassumi rilevanza konsiderevoli fil-qafas tal-likwidazzjoni tal-manteniment dovut mill-intimat.

Illi mix-xhieda tal-attriċi jidher illi fis-sena 2019 hija kienet qiegħda tipperċepixxi introjtu fl-ammont ta' bejn tmien mitt ewro (€800) u tmien mija u ħamsin ewro (€850) fix-xahar. Illum il-ġurnata jirriżulta illi l-attriċi biddlet l-impjieg tagħha u apparti li hija impjegata fuq bażi *full-time* hija tirriżulta wkoll reġistrata bħala *self-employed* fuq bażi ta' *part-time*. Mhux magħruf sewwa sew x'inhija n-natura tax-xogħlijiet żvolti mill-attriċi kif lanqas

mhuwa magħruf x'paga tipperċepixxi għaliex f'dan ir-rigward ma tressqu ebda provi, lanqas imqar indikazzjoni.

Rigward il-bżonnijiet tal-minuri, il-Qorti rat illi l-attriċi ppreżentat diversi riċevuti kif ukoll tat rendikont tal-bżonnijiet kollha tal-minuri inkluż ukoll tal-lezzjonijiet tal-privat. Il-Qorti rat ukoll illi fl-affidavit tagħha l-attriċi semmiet ammonti ta' nfieq li huma approssimattivi u li dwarhom l-attriċi m'għandhiex riċevuti x'tippreżenta.

Il-Qorti rat ukoll illi l-konvenut ħa attitudni passiva fejn għażel illi qajla jipparteċipa f'dawn il-proċeduri. Apparti li ma deherx għas-seduti u lanqas ma ressaq provi, il-konvenut għażel illi lanqas ma jikkontesta l-ammonti u l-provi indikati mill-attriċi.

Eżaminati l-atti, ix-xhieda tal-attriċi u l-irċevuti minnha ppreżentati, l-Qorti tqis illi l-ammonti indikati mill-attriċi huma ammonti raġonevoli għall-aħħar aktar u aktar tenut kont tal-fatt illi l-minuri llum tgħodd ħdax (11)-il sena u l-ispejjeż għall-bżonnijiet bażiċi tagħha sejrin kull ma jmur ikomplu jikbru. Il-Qorti rat ukoll illi b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2017 ġiet ffissata retta alimentarja fis-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) bħala manteniment pagabbli kull xahar.

F'dan l-istadju u riferibbilment għall-ispejjeż edukattivi u dawk mediċi, il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi, tenut kont tas-sitwazzjoni rispettiva tal-partijiet inkluż id-diffikultajiet li jeżistu sabiex il-konvenut iħallas il-manteniment u s-sehem tiegħu mill-ispejjeż puntwalment, ikun ferm aktar għaqli u prattiku illi s-sehem tal-konvenut minn dawn l-ispejjeż ikun pre-likwidat. Dan għandu jservi sabiex jitnaqqsu litiġji u proċeduri legali bejn il-partijiet. Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi l-manteniment mensili pagabbli mill-intimat għal-bżonnijiet ta' bintu għandu jkun iffissat fl-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450) fix-xahar. Dan l-ammont hekk likwidat jinkludi r-retta alimentarja kif ukoll is-sehem tal-konvenut mill-ispejjeż edukattivi, extra-kurrikulari u mediċi.

Illi, inoltre, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut iħallas kwalsiasi aretrati ta' manteniment minn Ġunju 2017 sa Jannar 2022, kif ukoll is-somma ta' ħames mija u sitta u disħgin ewro (€596.26) rappreżentanti s-sehem tiegħu ta' nofs l-ispejjeż inkorsi mill-attriċi hekk kif indikat mill-irċevuti minnha ppreżentati fl-atti.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut.

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.

3. Tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba u tordna illi l-intimat iħallas is-somma ta' erba' mija u ħamisn ewro (€450) fix-xahar bħala manteniment għall-minuri bint il-partijiet, liema manteniment għandu jiġi versat lill-attriċi f'kont bankarju indikat mill-istess attriċi kull l-ewwel tax-xahar, u liema ammont jinkludi sehem l-konvenut mill-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri. Il-Qorti tordna illi l-manteniment dovut mill-konvenut għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa jitħallas sakemm l-istess minuri tagħlaq it-tmintax(18)- il sena jekk tiddeċiedi li tieqaf mill-istudji tagħha u tibda taħdem fuq bażi *full-time* jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk tiddeċiedi li tkompli bl-istudji tagħha fuq bażi *full-time*. Inoltre, tordna wkoll illi l-konvenut iħallas kwalsiasi arretrati ta' manteniment minn Ġunju 2017 sa Jannar 2022, kif ukoll is-somma ta' ħames mija u sitta u disgħin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€596.26) rappreżentanti sehem il-konvenut minn spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni inkorsi għall-minuri mill-attriċi.

Bl-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-konvenut.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur